# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 569/01**

**Numru 31**

**Awtorita tad-Djar**

**vs**

**Paul u Martha konjugi Bellizzi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbghatax l-liri maltin (Lm314) rapprezentanti cens dovut mill-konvenuti fuq Plot 192 Bugibba (Tal-Vecc) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2000. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm314.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Novembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg